MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2010

Numru. 1341/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Angelo Demanuele ta’ 50 sena, bin Carmel u Carmen nee` Grima, imwieled Victoria, Ghawdex, fid-9 ta’ April 1959, residenti ‘New Sydney’, Flat 2, Triq ta’ Cordina, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur ta’ l-identita` bin-numru 21759(G)**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoniiet migjuba kontra l-imputat Angelo Demanuele u cioe` talli nhar f’dawn il-Gzejjer, fit-13 ta’ Settembru, 2009 jew fil-jiem u x-xhur ta’ qabel, b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil Joseph Angileri fl-atti li bihom ghamlu falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat,

b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikizzjoni b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holqu pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhlu dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi ziedu jew biddlu klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, u cioe certifikat nawtiku mahrug mil-Awtorita Marittima Maltija;

u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att awtentiku u pubbliku, jew skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, falz, u cioe certifikat nawtiku mahrug mil-Awtorita Marittima Maltija;

kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni jew certifikat falz, u cioe certifikat nawtiku mahrug mil-Awtorita Marittima Maltija;

u aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fil-25 ta’ Settembru 2009, sabiex jikseb xi vantag jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f’xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tgha tgharif falz.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali biex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat u fid-dawl tal-provi migbura l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkonsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat f'dan l-istadju bikri tal-proceduri, il-fedina penali nadifa tieghu u l-fatt illi l-imputat iddikjara illi lest jikkollabora mal-pulizija fil-proceduri kriminali li ser jittiehdu fil-konfront tal-awtur ta' dan ir-reat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 183, 184, 186, 188 u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dan il-perjodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-imputat bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------